



0096/2016

12.9.2016

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar id-drittijiet tax-xogħol tal-atleti professjonali

Theodoros Zagorakis (PPE), Santiago Fisas Ayxelà (PPE), Marc Tarabella (S&D), Bogdan Brunon Wenta (PPE), Virginie Rozière (S&D), Hannu Takkula (ALDE), Silvia Costa (S&D), Antanas Guoga (ALDE), Lefteris Christoforou (PPE), Pablo Zalba Bidegain (PPE), Tomáš Zdechovský (PPE), Patricija Šulin (PPE)

Data ta' skadenza: 12.12.2016

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, dwar id-drittijiet tax-xogħol tal-atleti professjonali¹

1. Minkejja t-tkabbir tremend fl-industrija tal-isport matul l-aħħar għexieren ta' snin, eluf ta' atleti professjonali madwar l-Ewropa, li huma l-protagonisti reali ta' kull sport, għadhom qed jiġu mċaħħda mid-drittijiet fundamentali tagħhom tax-xogħol.
2. Hemm aktar minn 50 000 atleta professjonali fl-Ewropa llum, li l-biċċa l-kbira minnhom huma ħaddiema ordinarji li jaqilgħu dħul baxx jew medju u li ta' spiss jaħdmu f'kundizzjonijiet prekarji u riskjużi bi protezzjoni soċjali ħażina.
3. L-atleti professjonali qegħdin jaffrontaw regolarment diversi Prattiki abbużivi ta' impjiegi bħal impjieg indipendenti fittizju, nuqqas ta' ħlas ta' pagi, istandards insuffiċjenti tas-saħħa u tas-sikurezza, dispożizzjonijiet dwar l-assigurazzjoni u l-pensjonijiet, aċċess limitat għal tribunali industrijali, limitazzjonijiet tal-moviment liberu, eċċ. Il-qafas regolatorju kurrenti jiggrava dawn il-każijiet ta' ksur.
4. Din hija sitwazzjoni ta' min jikkundannaha, u wasal iż-żmien li l-UE tiegħu azzjoni konkreta biex ittemm l-abbuż sistematiku tad-drittijiet tax-xogħol tal-atleti professjonali.
5. Għalhekk, il-Kummissjoni hi mitluba tippreżenta pjan ta' azzjoni komprensiv għall-promozzjoni ta' standards minimi ta' impjiegi għal atleti professjonali fl-Ewropa, abbażi ta' ftehim fil-livell tal-Unjoni li jkopri s-sħab soċjali kollha fis-settur tal-isport.
6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u l-Kummissjoni.

¹ Skont l-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, din għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.